MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 786/2007

**Maltacom PLC u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 2007 gie ordnat li l-isem tas-socjeta' attrici jigi mibdul ghal Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Anthony Scicluna (ID 885350 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' elfejn, tlett mija, disgha u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€2329.93) gja` Lm1,000.24, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numru 21636350 u 21633383 (AC40042411 u 40046973) skond id-dokumenti a, b, c u d, annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa  inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra illi nhar il-31 t' Ottubru, 2008 il-konvenut, pprezenta nota ta' ammissjoni permezz ta` l-Avukat ta' fiducja tieghu.

Illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------